**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2017

Rikors numru : 159/11 AL

**A B**

**vs**

**Saviour B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Ottubru 1991 u mill-liema zwieg, l-partijiet ghandhom tlett itfal D ta' sittax il-sena, E ta' erbatax u F ta' tmintax;
2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba s-sevizzi, l-ingurji u l-minacci komessi mill-intimat fuq martu u htija ta' dan l-agir, iz-zwieg bejniethom tkissier irrimedjabilment;

3. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness mmarkat Dok MB 1;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-konjugi B minhabba sevizzi, ingurji u minacci, komessi mill-intimat fuq martu;
2. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f'idejn ir-rikorrenti;
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment u / jew ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja li dina il-Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tar-rikorrenti u l-mezzi ta' zewbgha jew alternattivament;
4. Tezercita d-diskrezzjoni taghha skont il-Ligi jekk ikun il-kaz u tordna lill-intimat sabiex ihallas minflok l-manteniment dovut minnu skont il-ligi, somma kapitali jew tassenja lill-esponenti id-drittijiet reali fuq id-dar matrimonjali;
5. Ixxolji u tittermina l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, kif ukoll tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, billi qabel ma tordna il-qasma tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-intimat b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigu nominat Perit dwar l-istima tal-immobbli, Nutar biex jircievi l-att opportun u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att ta' likwidazzjoni u trasferiment;
6. Tillikwida l-ammonti u tordna lill-intimat sabiex jirrifondi lill-esponenti is-sommom illi hija avvanzat u hallset fl-intier taghhom wahedha rappresentanti djun tal-kommunjoni tal-akkwisti;
7. Tillikwida l-ammonti u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-beni u l-flejjes parafernali kollha taghha;
8. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili kif ukoll illi l-intimat

iddekada minn kull dritt illi jitlob u/jew jircievi manteniment minghand martu l-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : fol 28

1. Illi hemm qbil li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-konjugi B peress li l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba s-sevizzi, ingurji u minacci, li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment, izda minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti;
2. Illi t-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli eskussivament lir-rikorrenti stante li din kienet wasslet fi stat fejn il-facendi, tindif u ikel fid-dar isir  sporadikament fejn fl-ahhar kienet taghmel l-affarijiet esklusivament ghaliha biss, u hi tohrog kuljum u ghandha l-vizzju tal-loghob fejn tmur il-Casino regolarment;
3. Illi l-kura u kustodja m'ghandhiex tigi fdata lir-rikorrenti izda lill-intimat peress li kienet propja r-rikorrenti A B li telqet mid-dar fl-20 ta' Mejju 2011 minghajr raguni valida, filwaqt lit-tfal kollha baqghu jghixu fid-dar matrimonjali mal-missier;
4. Illi A B ghadha tahdem sallum bhala fattiga u ghandha introjtu ta' flus – illi *del resto* ma hemm l-ebda raguni ghaliex din ma tahdimx kif fil-fatt taghmel, izda m'ghandhiex dritt titlob manteniment stante li telqet mid-dar minghajr raguni valida u halliet l-intimat jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja wahdu;
5. Illi hemm qbil li tigi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-partijiet, kif wkoll tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, billi qabel ma tordna il-qasma tikkunsidra t-tortijiet kommessi mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigi nominat Perit dwar l-istima ta' l-

immobbli, Nutar biex jircievi l-att opportun u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att ta' likwidazzjoni u transferiment;

6. Illi ma hemmx qbil li din il-Qorti tillikwida l-ammonti u tordna lill-intimat sabiex jirrifondi lir-rikorrenti s-sommom illi hija avvanzat u hallset fl-intier taghhom wahedha rappresentanti djun tal-kommunjoni tal-akkwisti stante li hu hareg ammont ta' flus ferm akbar kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u li fil-verita l-intimat ghandu kreditu parafernali ferm akbar;
7. Illi din il-Qorti ghandha tapplika kontra ir-rikorrenti interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella u l-Perit Legali Dr. Maxilene Pace;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2016, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat illi l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali bejniethom u effettivament ressqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Ryan Calleja iddatat id-29 t'Awwissu 2016.[2]

Rat illi permezz ta' nota ppreżentata mill-attriċi fis-6 ta' Settembru 2016[3], l-attriċi ċediet it-talbiet tagħha min-numru tnejn (2) san-numru tmienja (8) filwaqt illi żammet ferm l-ewwel talba tagħha għall-pronunzjament tad-divorzju.

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Kopja legali tiegħu hija esebita fol. 468

[3] Fol. 466

Rat l-affidavit tal-attriċi[4] limitat dwar it-talba tagħha għall-pronunzjament tad-divorzju. Semgħet lill-konvenut jixhed fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[5]

Il-partijiet jaqblu illi huma ilhom *de facto* mifrudin mis-sena 2011. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fis-6 ta' Settembru 2016. Skond il-kuntratt tas-

---

[4] Fol. 475

[5] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

separazzjoni tagħhom, senjatament l-Artikolu 3.1 *"il-partijiet qed jiddekadu għad-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin."*

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn sitt snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi B nhar id-19 t'Ottubru 1991.

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u it-tmien talba tal-attriċi stante illi dana ġew ċeduti.

[3] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.